32000R0398

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 398/2000

tat-22 ta' Frar 2000

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 659/97 u (KE) Nru 921/1999 fir-rigward tal-kalkolazzjoni tal-kwantità immarketjata ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, tal-prezzijiet tal-produzzjoni u tal-lista tas-swieq rappreżentattivi u l-arranġamenti għad-distribuzzjoni bla ħlas fis-settur tal-frott u ħxejjex u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 1559/70

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1257/1999 [2], u partikolarment l-Artikolu 10 u l-Artikolu 30(7) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 659/97 tas-16 ta' April 1997 jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 fir-rigward ta' l-arranġamenti ta' l-intervent fis-settur tal-frott u l-ħxejjex [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 729/1999 [4], jista' b'mod utli jiġi emendat fid-dawl ta' studju li jivvaluta l-programmi ta' l-għajnuna bl-ikel implimentati taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni.

(2) Sabiex ir-Regolament (KE) Nru 659/97 isir konformi mad-dispożizzjonijiet l-oħra fis-seħħ dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq, il-komponenti tal-produzzjoni nnegozjata ta' l-organizzazzjonijiet produtturi għandha tiġi emendata biex teskludi kwantitajiet għall-bejgħ dirett, billi dawn ma jinvolvu l-ebda xogħol minn naħa ta' l-organizzazzjonijiet produtturi.

(3) Minħabba n-numru kbir ta' prodotti u swieq rappreżentattivi biex jiġu inklużi fin-notifiki ta' kull ġimgħa tal-prezzijiet tal-produzzjoni, għandu jsir użu esklussiv mis-sistema IDES sabiex ikun assigurat l-ipproċessar tad-data b'ħeffa u b'effiċjenza.

(4) Minħabba l-komplessità ta' l-arranġamenti għad-distribuzzjoni bla ħlas kif deher mill-esperjenza miksuba fi snin riċenti u sabiex l-osservazzjoni mill-qrib issir aktar effettiva, id-dispożizzjonijiet regolatorji u l-informazzjoni mitluba mingħand l-Istati Membri għandhom jiġu ssimplifikati.

(5) L-intervalli minimi li fihom l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-listi ta' l-organizzazzjonijiet tal-karità approvati għandhom jiġu ffissati.

(6) Invista li jiġu eliminati l-kwantitajiet addizzjonali ta' prodotti rtirati mis-suq permezz tad-distribuzzjoni mingħajr ħlas kif hemm referenza dwarha fl-ewwel u t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 30(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, għandhom jiġu stabbiliti l-arranġamenti għall-ipproċessar tagħhom. B'żieda ma' dan, fil-każ ta' l-operazzjonijiet tad-distribuzzjoni bla ħlas li hemm referenza dwarhom fl-ewwel inċiż imsemmija hawn fuq, għandu jsir provvediment għal stedina biex issir offerta, bil-possibbiltà li l-ħlas isir lill-proċessuri b'għelejjel naturali sabiex tiġi evitata l-ispiża ta' l-ipproċessar. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jagħżlu jekk iniedux stedina għall-offerti bħal dik jew le. Meta jkun xieraq, l-organizzazzjonijiet tal-karità għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri bil-ħtiġiet tagħhom tal-prodotti pproċessati minn frott u ħxejjex friski. L-appaltatur li tintlaqa' l-offerta tiegħu għandu jkun dak li japplika għall-iċken kwantità ta' prodotti friski biex iforni kwantità stabbilita tal-prodott ipproċessat. Il-kwantità ta' prodott frisk aktar mill-kwantità meħtieġa biex jiġi prodott il-prodott ipproċessat intiż għal distribuzzjoni bla ħlas għandha tikkostitwixxi l-ħlas b'għelejjel naturali lill-persuna li tkun għamlet l-offerta. Il-persuna li tagħmel l-offerta għandha tipproċessa din il-kwantità wkoll.

(7) L-arranġamenti biex jitħallsu l-ispejjeż tat-trasport, l-għażla u l-imballaġġ għandhom jiġu ssimplifikati u l-ammonti miżjuda.

(8) Sabiex jiġi indikat biċ-ċar li hija involuta miżura ta' distribuzzjoni bla ħlas tal-Komunità, l-emblema Ewropea għandha tkun tidher fuq il-pakketti.

(9) Il-lista tas-swieq rappreżentattivi għandha tkun aġġornata.

(10) Instabu żbalji fl-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 659/97. Dawn għandhom ikunu kkoreġuti.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 921/1999 tat-30 ta' April 1999 li jipprovdi għal miżuri speċjali biex jiġu distribwiti frott u ħxejjex irtirati mis-suq lill-persuni li joriġinaw mill-Kosovo [5], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2134/1999 [6], jirreferi għar-Regolament (KE) Nru 659/97. Dawk ir-referenzi għandhom jiġu aġġornati sabiex jittieħed akkont ta' l-emendi fir-Regolament li ssir referenza għalih.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1559/70 tal-31 Lulju 1970 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-provvista lill-industrija ta' l-għalf ta' l-annimali ta' frott u ħxejjex irtirati mis-suq [7], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 771/95 [8], m'għadux aktar jintuża u għandu jiġi mħassar.

[1] ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
[2] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 80.
[3] ĠU L 100, tas-17.4.1997, p. 22.
[4] ĠU L 93, tat-8.4.1999, p. 11.
[5] ĠU L 114, ta' l-1.5.1999, p. 46.
[6] ĠU L 262, tat-8.10.1999, p. 3.
[7] ĠU L 169, ta' l-1.8.1970, p. 55.
[8] ĠU L 77, tas-6.4.1995, p. 9.

(13) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex Friski ma wassalx opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 659/97 huwa emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 3(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu huwa mħassar;

(b) it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-kwantità mqiegħda fuq is-suq li ssir referenza dwarha fl-ewwel subparagrafu m'għandhiex tinkludi l-produzzjoni tal-membri ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi mqiegħda fis-suq skond l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi ta' l-Artikolu 11(1)(ċ)(3) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96."

2) L-Artikolu 7(2) huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Għall-prodotti u matul il-perjodi elenkati fl-Anness III, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn nofsinhar (ħin ta' Brussel) ta' l-Erbgħa ta' kull Ġimgħa, l-informazzjoni li tikkonċerna, għal kull jum tas-suq, il-prezzijiet irreġistrati fis-swieq rappreżentattivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Istati Membri.

L-informazzjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni bl-użu ta' l-*Interactive Data Entry System* (IDES)."

3) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud mal-paragrafu 1:

"Dawn il-prodotti jistgħu jiġu pproċessati permezz tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 14a jew 14b;"

(b) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Minn Marzu 2000 u f'intervalli ta' tliet snin, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw listi ta' organizzazzjonijiet tal-karità approvati kif hemm referenza dwarhom fil-punti (b) u (ċ) lill-Kummissjoni, li għandha tibgħat dawk il-listi lill-Istati Membri kollha."

4) It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 13 huwa mħassar.

5) Fl-Artikolu 14(3):

(a) it-tielet inċiż huwa mibdula b'dan li ġej:

"— l-ismijiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-karità involuti fl-operazzjonijiet u l-funzjonijiet rispettivi tagħhom,";

(b) ir-raba' inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

"— is-sustanza tal-ftehim bejn l-organizzazzjoni li tipproduċi li tirtira l-prodotti mis-suq u l-organizzazzjoni tal-karità li tkun responsabbli li tirċevihom,";

(ċ) il-ħames inċiż huwa mibdul b'dan li ġej:

"— fejn ikun xieraq, l-isem ta' l-impriża responsabbli għall-ipproċessar tal-prodotti friski skond l-Artikolu 14a,".

6) Is-segwenti l-Artikoli 14a u 14b għandhom jiġu mdaħħla:

"Artikolu 14a

L-organizzazzjoni tal-karità tista' tipproċessa jew titlob li jiġu pproċessati għall-spejjeż tagħha l-prodotti rtirati mis-suq bil-għan li dawn jiġu mqassma b'xejn jew lill-persuni magħrufa bħal ma huma intitolati għal għajnuna pubblika taħt il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom jew inkella lil persuni fil-bżonn f'pajjiżi terzi. Il-prodotti kollha li jirriżultaw għandhom jitqassmu mingħajr ħlas.

Artikolu 14b

1. Skond il-ħtiġiet ta' l-organizzazzjonijiet tal-karità, indikati skond il-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jorganizzaw sejħa waħda jew aktar għal offerti għall-ipproċessar tal-prodotti rtirati mis-suq mill-persuna li l-offerta tagħha tiġi milqugħa.

Il-persuna li l-offerta tagħha tiġi milqugħa għandha tipproċessa l-prodotti kollha rtirati mis-suq li jiġu offruti lilha. Il-kwantitajiet ta' prodotti rtirati mis-suq li jeċċedu l-kwantitajiet meħtieġa għall-manifattura tal-prodotti pproċessati biex jitqassmu b'xejn għandhom jikkostitwixxu l-ħlas b'għelejjel naturali biex tikkumpensaha għall-ispejjez tal-manifattura li trid tagħmel.

Il-prodotti pproċessati għal distribuzzjoni mingħajr ħlas għandhom imbagħad jiġu mqassma mill-organizzazzjonijiet tal-karità lil dawk meqjusa bħala li huma intitolati għal assistenza pubblika taħt il-leġislazzjoni tal-Istat Membru.

2. L-Istati Membri li jkunu jixtiequ jimplimentaw il-proċedura tas-sejħa għal offerti li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandhom jagħmlu l-pubblikità xierqa u jinformaw lill-Kummissjoni dwar it-tip tal-frott jew l-ħxejjex involuti u l-perjodu kopert mill-proċedura. Dan il-perjodu m'għandux jeċċedi s-sena tas-suq għall-prodott f'dan il-każ.

3. Mhux aktar tard mid-data ffissata mill-awtorità nazzjonali kompetenti, l-organizzazzjonijiet tal-karità involuti għandhom jinnotifikawha dwar il-ħtiġiet tagħhom għall-prodotti pproċessati minn frott u ħxejjex friski kif issir referenza għalihom fil-paragrafu 2 u għandhom jagħtu garanzija li joħduhom taħt il-kontroll tagħhom u jqassmuhom kollha, mingħajr ħlas. It-trasferiment tal-kontroll għandu jitlesta mhux aktar tard minn xahar wara l-perjodu ta' l-ipproċessar kopert bil-proċedura li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun xieraq, jiġbru flimkien fi grupp il-ħtiġiet kif espressi fil-paragrafu 3 f'lottijiet ta' prodotti pproċessati u jħejju abbozz ta' stedina biex issir offerta.

Din għandha jkun fiha mill-anqas l-informazzjoni li ġejja għal kull lott:

— il-prodott frisk involut u l-perjodu li matulu l-prodotti rtirati mis-suq x'aktarx li jkunu disponibbli,

— iż-żoni ġeografiċi li fihom x'aktarx li jiġu maħżuna,

— id-deskrizzjoni dettaljata tal-prodott ipproċessat mill-frott jew mill-ħxejjex li għandu jiġi fornut u l-ippakkjar tiegħu, it-terminu ta' żmien għall-provvista tiegħu, flimkien mal-kwantità li l-persuna li titfa' l-offerta trid tintrabat li tipproduċi, jekk il-prodotti li ġew irtirati mis-suq ikunu disponibbli.

Il-garanzija għall-offerta għandha tkun EUR 20/tunnellata metrika piż nett tal-prodott finali pproċessat.

5. L-abbozz ta' l-istedina għall-offerta li ssir referenza għalih fil-paragrafu 4 għandu jintbagħat lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Ladarba l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni favorevoli, ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, l-istedina għall-offerta għandha tiġi mnedija. Mill-anqas żewġ offerti għal kull lott iridu jiġu ppreżentati bħala tweġiba għal kull stedina għall-offerti. Il-lott għandu jingħata lill-persuna li titfa' l-offerta għall-iċken kwantità tal-prodott frisk għall-provvistà tal-prodott ipproċessat. Meta l-istess ammont jiġi mitlub minn aktar minn persuna waħda li tagħmel offerta, l-għażla għandha ssir bix-xorti. Meta l-offerti kollha mitfugħa jinvolvu kwantitajiet eċċessivament għoljin ta' prodotti friski, l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma jagħmilx għażla ta' l-offerta għall-lott f'dak il-każ.

L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-eżitu ta' l-istedina għall-offerti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika din l-informazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Tista' titlob dettalji ta' l-offerti mingħand il-persuni li jkunu tefgħu l-offerti.

6. L-Istat Membru għandu jinforma lill-persuna li l-offerta tagħha tkun intlaqgħet għal kull lott, malli jibda jsir l-irtirar, dwar l-organizzazzjonijiet produtturi minn fejn tkun tista' tikseb provvisti tal-prodotti friski irtirati mis-suq bi priorita fuq benefiċjarji oħra kif issir referenza għalihom fl-Artikolu 11 u 12 ta' dan ir-Regolament.

7. Malli jiġi ffabbrikat, il-prodott ipproċessat għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-karità mill-aktar fis possibbli, fi proporzjon għall-kwantità ta' prodott frisk li jkun tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuna li l-offerta tagħha tkun ġiet milqugħa.

8. Sabiex ikun assigurat it-twettiq ta' l-offerta, il-persuna li tiġi milqugħa l-offerta tagħha għandha tipprovdi garanzija. Din għandha tkun ibbażata fuq il-piż nett tal-prodott frisk mitlub għall-prodott ipproċessat. Għandha tkun ekwivalenti:

— fil-każ tal-prodotti elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, għal ħames darbiet daqs il-kumpens għall-irtirar tal-Komunità li ssir referenza dwaru fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament,

— fil-każ tal-prodotti l-oħra, ammont stipulat fl-avviż ta' l-istedina għall-offerta.

Il-garanzija għandha tinħeles hekk kif il-provvisti tal-prodott ipproċessat jiġu kkonsenjati u ladarba l-persuna li tkun ġiet milqugħa l-offerta tagħha tkun ipprovdiet prova li l-prodotti friski kollha li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħha għall-konsenja tal-prodott ipproċessat ikunu ġew ipproċessati."

7) Fl-Artikolu 15(1), il-kliem "il-punt 1 ta' l-Anness V" huma mibdula bil-kliem "l-Anness V".

8) L-Artikolu 15a huwa mħassar.

9) L-Artikolu 16 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 16*

1. L-ispejjez ta' l-ikklassifikar u l-ippakkjar tal-frott frisk u l-ħxejjex irtirati mis-suq għal distribuzzjoni mingħajr ħlas li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 għandhom ikunu merfugħa mit-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG), bl-ammont ta' rata fissa ta' EUR 132 kull tunnellata metrika piż nett, fil-każ tal-prodotti mqiegħda f'pakketti ta' piż nett anqas minn 25 kilogramma. L-ispejjeż tal-prodotti friski intiżi għall-manifattura tal-prodotti pproċessati kif hemm referenza dwarhom fl-Artikoli 14a u 14b m'għandux ikun merfuh b'dan il-mod.

2. Pakketti ta' prodotti għal distribuzzjoni mingħajr ħlas għandhom ikollhom fuqhom l-emblema Ewropea, flimkien ma' waħda jew aktar mill-annotazzjonijiet li ġejjin:

— Producto destinado a su distribución gratuita (Reglamento (CE) nº 659/97)

— Produkt til gratis uddeling (forordning (EF) nr. 659/97)

— Zur kostenlosen Verteilung bestimmtes Erzeugnis (Verordnung (EG) Nr. 659/97)

— Προϊόν προοριζόμενο για δωρεάν διανομή (κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 659/97)

— Product for free distribution (Regulation (KE) No 659/97)

— Produit destiné à la distribution gratuite (règlement (CE) nº 659/97)

— Prodotto destinato alla distribuzione gratuita (regolamento (CE) n. 659/97)

— Voor gratis uitreiking bestemd product (Verordening (EG) nr. 659/97)

— Produto destinado a distribuição gratuita (Regulamento (CE) n.º 659/97)

— Ilmaisjakeluun tarkoitettu tuote (asetus (EY) N:o 659/97)

— Produkt för gratisutdelning (förordning (EG) nr 659/97).

Meta d-distribuzzjoni għandha ssir 'il barra mill-Komunità, l-annotazzjoni għandha tiġi murija wkoll fil-lingwa(i) tal-pajjiżi terzi involuti.

Meta jkun applikabbli, il-pakketti tal-prodotti friski li jkunu sejrin jintużaw fil-manifattura tal-prodotti pproċessati li hemm referenza dwarhom fl-Artikoli 14a u 14b m'għandhomx juru fuqhom dawn l-annotazzjonijiet.

3. L-ispejjez ta' l-ikklassifikar u l-imballaġġ għandhom jitħallsu lill-organizzazzjoni li tipproduċi li tkun wettqet l-ikklassifikar u l-ippakkjar.

Il-ħlas għandu jsir bla ħsara għall-preżentazzjoni tad-dokumenti li jsostnu li jiċċertifikaw b'mod partikolari:

— l-ismijiet ta' l-organizzazzjonijiet benefiċjarji,

— il-kwantità tal-prodotti involuti,

— l-aċċettazzjoni tal-organizzazzjonijiet benefiċjarji."

10) Fl-Anness II:

(a) is-swieq rappreżentattivi fil-Ġermanja huma mibdula bis-swieq li ġejjin:

— għall-pastard: Straelen, Maxdorf, Erzeugergroß-markt Thüringen-Sachsen

— għat-tuffieħ: Stade, Centralmarkt Rheinland, Bodenseemarkt

— għal-lanġas: Stade, Bodenseemarkt

— għat-tadam: Straelen, Heidelberg, Kitzingen, Reic-henau;

(b) is-suq rappreżentattiv għall-frawli fil-Belġju huwa s-suq ta' Sint-Truiden;

(ċ) is-swieq fil-Portugall rappreżentattivi li ġejjin huma mħassra:

— għall-klementini: Alcácer do Sal

— għall-laringè ħelu: Santiago do Cacém

— għall-ħawħ u nuċiprisk: Montargil

— għall-lanġas: Cova da Beira;

(d) is-swieq rappreżentattivi fil-Portugall li ġejjin huma mibdula:

— għall-frawli: Oeste huwa mibdul bi Ribatejo/Oeste

— għall-bettieħ u dulliegħ; Ribatejo huwa mibdul bi Ribatejo/Oeste;

(e) is-swieq rappreżentattivi fil-Portugall li ġejjin huma miżjuda:

— għall-bettieħ: Moura u Algarve

— għal-laringè ħelu: Vidigueira

— għad-dulliegħ: Grandola.

11) Fl-introduzzjoni għall-Anness III, "l-Artikolu 6(2)" huwa mibdul bi "l-Artikolu 7(2)".

12) Fl-Anness IV, "l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 659/97" huwa mibdul bi "l-Artikolu 30 tar- Regolament (KE) Nru 2200/96".

13) L-Anness V huwa mibdul bl-Anness t'hawn.

14) L-Anness VI huwa mibdul bl-Anness II t'hawn.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 921/1999, "u l-Artikolu 16(2)" hija mħassra.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 1559/70 huwa mħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 Marzu 2000.

B'dankollu:

— L-Artikolu 1(1) m'għandux japplika qabel il-bidu tas-sena tas-suq segwenti għal kull prodott li tibda minn wara d-data tad-dħul fis-seħħ li hemm referenza dwarha fl-ewwel paragrafu,

— L-Artikolu 1(2) m'għandux japplika qabel l-1 Ġunju 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-22 Frar 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS V

SPEJJEŻ TAT-TRASPORT PERMEZZ TA' L-ARRANĠAMENTI GĦAD-DISTRIBUZZJONI MINGĦAJR ĦLAS

(li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 15)

Distanza bejn il-punt tat-tneħħija u l-post tal-konsenja [1]	Spejjeż tat-trasport (EUR/tunnellati)
Anqas minn 25 km	14,4
25 km jew aktar, imma anqas minn 200 km	30
200 km jew aktar, imma anqas minn 350 km	42
350 km jew aktar, imma anqas minn 500 km	60
500 km jew aktar	78

Suppliment għal trasport bir-refriġerazzjoni: EUR 7,2/tunnellata

[1] Fil-każ li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 14a, id-distanza bejn il-punt tat-tneħħija u l-post tal-konsenja tal-prodott ipproċessat, li tgħaddi matul il-post ta' l-ipproċessar.

Fil-każ li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 14a, id-distanza bejn il-punt tat-tneħħija u l-post tal-konsenja tal-prodott ipproċessat (prodotti friski li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 14b ma jikkwalifikawx għall-allokazzjoni tat-trasport)."

ANNESS II

"ANNESS VI

INFORMAZZJONI LI TIKKONĊERNA D-DISTRIBUZZJONI LIBERA L-BARRA MILL-KOMUNITÀ

(li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 14)

Stat Membru: .....

Deċiżjoni tal-Kummissjoni numru (*): .....

Kwantità ddistribwita (bil-prodott): .....

L-isem u l-uffiċċju ewlieni ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi li twettaq it-tneħħija: .....

L-isem u l-uffiċċju ewlieni ta' l-organizzazzjoni karitattevoli involuta fl-operazzjoni: .....

L-isem u l-uffiċċju ewlieni ta' l-impriża responsabbli ghall-ipproċessar tal-prodotti (meta applikabbli): .....

Il-mezzi tat-trasport u l-isem u l-uffiċċju ewlieni tat-trasportatur: .....

Il-pajjiż u l-post tad-destinazzjoni finali: .....

Il-grupp tal-popolazzjoni li ghalih il-prodott u huma intiżi, b'estimi tan-numri tal-benefiċjarji: .....

Id-dati tat-tneħħija, tat-tluq u tal-konsenja tal-prodotti: .....

(*) Apparti milli ghall-operazzjonijiet imwettqa permezz tar-Regolament (KE) Nru 921/1999."